# KUNSILL LOKALI FLORIANA

## Pjan ta' Ħidma

## 2018 - 2020

## Kontenut


1.0 Daħla u Analiżi tas-Sitwazzjoni 2

2.0 Dikjarazzjoni tal-Missjoni u Valuri 4

3.0 Objettivi, Rizultati Mistennija u Strateġiji 5

4.0 Struttura u Organiżżazjoni 8

5.0 Tbassir Finanzjarju 10

6.0 Żvilupp Kapitali 13

# 1.0 Daħla u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Il-missjoni ewlenija tal-Kunsill Lokali li qed inmexxu hi li jingħata l-aħjar servizz kemm lir-residenti kif ukoll lil dawk in-nies li b'xi mod jew ieħor taffetwahom il-Floriana. Bla dubju ta' xejn, l-akbar sfida li naffaċċjaw hija l-problema finanzjarja billi nikkontrallaw l-infiq filwaqt li nwettqu diversi xogħolijiet u nibqgħu ninvestu fil-lokalità. Dan jirrikjedi li nwettqu xogħolna bl-aktar mod għaqli u responsabbli.

Bħala Kunsill irridu nżommu dixxiplina magħna nfusna u jkun għalħekk li xi kultant ikollna nħallu fuq l-ixkaffa proġetti li jkunu xi ftit jew wisq ambizzjużi. Hu unur li minn Kunsill f' *deficit* qiegħdin nimxu għal Kunsill b' *surplus*.

Il-lokalità tagħna ħija waħda mill-ftit lokalitijiet fejn ammont sostanzzjali mill-fondi allokati jmmoru għall-ġbir ta' skart. Il-Kunsill Lokali tagħna huwa wieħed mill-aktar Kunsilli Lokali li jipprovdi servizzi fir-rigward ta' skart fejn filfatt il-ġbir isir kuljum; inkluż fil-Ħdud u l-festi pubbliċi. Noffru wkoll is-servizzi ta'ġbir ta' skart riċiklat kull ġimgħa u ġbir ta' skart goff tliett darbiet fil-ġimgħa

Għas-snin li gejjin, bħala proġetti kapitali għandna l-upgrade estensiv tal-Ġnien Re George V, xi bankini oħra madwar il-lokalita tagħna u proġetti kapitali zgħar.

Intenni li l-finanzi huma l-ikbar biċċa wġiegħ ta' ras li ta' kuljum irridu naffaċjaw. Fiduċjuża li b'ħidma bil-għaqal nistgħu naslu fejn nemmnu li għandna naslu. Bħala Kunsill ser nibqgħu naħdmu sabiex innaqsu l-ispejjeż rikorrenti kif ukoll ser inkunu qed naħdmu mill-qrib ma' entitijiet pubbliċi u ma diversi Ministeri sabiex ikollna aktar għajnuna biex inmexxu 'l quddiem id-diversi inizjattivi u proġetti fil-Floriana.

Jiena flimkien mal-kollegi Kunsilliera ser nkunu qed naħdmu sabiex il-Kunsill Lokali tal-Floriana ikun idonju għall-Kunsilli l-oħra f'Malta. B'ħekk meta jgħaddi ż-żmien aħna flimkien ma' sħabna r-residenti nkunu nistgħu nħarsu lejn il-Kunsill Lokali tagħna b'mod posittiv u li tassew inkunu wettaqna id-differenza fil-Floriana.

Davina Sammut Hili
Sindku, Floriana

# 2.0 Dikjarazzjoni tal-Missjoni u Valuri

### 2.1 Dikjarazzjoni tal-Missjoni

Biex inkunu Kunsill eċċellenti bl-izvilupp kontinwu tal-infrastruttura tagħna biex nilqgħu bl-aħjar mod il-bżonnijiet tal-oqsma residenzjali u tan-negozju tal-kommunita' waqt li nagħmlu enfasi kontinwa fuq l-eċċellenza fix-xogħol u amministrazzjoni innovattiva tar-riżorsi finanzjarji tagħna.

### 2.2 Valuri

Il-Valuri tal-Kunsill Lokali Floriana huma:

- ✓ li ngibu l-massimu tal-benefiċċji lill-komunita'
- ✓ nirrispettaw il-bzonnijiet ta' individwi u ta' oqsma speċifiċi
- ✓ rispett għall-opinjonijiet u twemmin tal-membri kollha tal-komunita' tagħna
- ✓ rispett għall-ambjent u l-wirt kulturali tal-komunita' tagħna u impenn favur ambjent sostenibbli
- ✓ amminstrazzjoni effiċjenti u ġusta u fil-miftuħ tal-ħidma tal-Kunsill
- ✓ eċċellenza f'kollox li nagħmlu u fis-servizzi li nirċievu u nagħtu
- ✓ Trasparenza, onesta' u responsabilita'

# 3.0 Objettivi, Riżultati Mistennija u Strateġiji

### 3.1 Oġġettivi għal qasir żmien u riżultati mistennija (2018)

| ***Oġġettivi*** | ***Riżultati mistennija*** |
|---|---|
| Li mmorru aħjar fil-miri ta' dħul u biex l-infiq jinżamm mal-estimi waqt li niżguraw l-aħjar *valur għal-flus* għas-servizzi li nixtru | Inżidu d-dħul minn sponsors<br><br>Użu aktar tal-Byelaws sabiex jiżdied id-dħul.<br><br>Il-finanzi tal-Kunsill jitħaddmu b' għaqal u responsabilita'<br><br>Kiri ta' faċilitajiet tad-Dar il-Kunsill u spazzji oħra |
| Titjib fis-servizz lill-komunita` b' iktar komunikazzjoni, ħeffa, effiċjenza | Websajt aġġornata b'iktar kuntatt u faċilitajiet<br><br>Xandir ta` laqgħat tal-Kunsill *online* |
| Tkabbir fil-kwalita' tax-xogħolijiet u servizzi | Tnaqqis fil-ħin ta' stennija<br><br>Simplifikazzjoni ta' proċessi amminsitrattivi<br><br>Protattivita' fuq l-ilmenti |
| Manutenzjoni kontinwa u titjib fl-ambjent estetiku u infrastrutturali tal-lokalita' | Manutenzjoni ta' toroq u bankini<br><br>Manutenzjoni fuq sinjali tat-traffiku<br><br>Manutenzjoni fuq ġonna u spazji pubbliċi<br><br>Manutenzjoni ta' dwal tat-toroq |
| Attenzjoni lill-aspett kulturali u tkabbir tal-ekonomija lokali | Organiżżazjoni t' attivitajiet kulturali bħall-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, Ġenna ta' Ġonna u St Patrick's Day fejn isir enfasi partikolari fuq il-parteċipazzjoni ta' għaqdiet lokali. |
| Titjib fis-servizzi offruti lill-Komunità u ambjent aktar sostenibbli | Iktar servizzi ta' ndafa madwar il-lokalita' u riċiklaġġ. |

# 3.2 Oggettivi għal zmien fit - tul (2018-2020)

| ***Oġġettivi*** | ***Riżultati mistennija*** |
|---|---|
| Żieda fl-użu ta' l-informatika mill-pubbliku | Aċċess għall-internet aktar faċli |
| Insibu sorsi ġodda ta' dħul | Jiġu ntrodotti *bye-laws* ġodda<br><br>Isiru aktar *Public Private Partnerships*<br><br>Jigu esplorati sorsi ta' fondi mill-EU |
| Isir aktar kontroll fuq l-infiq | Xogħol partikolari jitwettqu mill-ħaddiema tal-Kunsill fejn possibbli.<br><br>Jintalbu diversi kwotazzjoni għal ċertu xogħol u akkwisti<br><br>Jitqabbdu studenti biex isir ċertu xogħol klerikali u li lilhom isservihom bħala esperjenza ta' xogħol. |
| Infittxu u niżviluppaw mezzi biex il-Kunsill ikun jista' jesegwixxi aħjar il-ħidma ta' kuljum | Rinovazzjoni tal-Uffiċju Amminsitrattiv, b'iktar aċċessibilta`<br><br>Ingaġġ ta` ħaddiema b'ħiliet varji taħt skemi diversi li joffri l-Gvern Ċentrali u entitajiet pubbliċi |

### 3.3 Strateġiji

Il-Kunsill jaddotta strateġija li tassigura li jitwettqu l-oġġettivi u l-*policies* li jkun iffissa l-istess Kunsill.
Dawn l-istrategiji ħuma maħsuba li joħolqu l-ftuħ ta' opportunitajiet ġodda u li jevitaw sitwazzjonijiet li jistgħu jħeddu s-suċċess tagħna.

L-istrategija mill-2018 sal-2020 hija li :

- ✓ Jiġu żviluppati relazzjonijiet ta' xogħol kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment biex jiġu akkwisti l-aħjar servizzi possibli bl-aktar mod ekonomiku u bl-użu ta' prinċipji ta' "*value chain management*"
- ✓ Jiġi nkuraġġit d-djalogu, rispett u *teamwork,* kemm bejn il-Kunsill stess, mal-kumitati, mal-għaqdiet lokali u mar-residenti.
- ✓ Jintużaw prassi u tekniċi ta' "*best management practice*" u "*good governance"*
- ✓ Kull settur fil-komunita` jiġi nvolut fl-iffinanzjar ta' proġetti soċjali u kapitali biex jinħoloq titjib awmentat fit-tul għal ġid globali tal-lokalita`.

# 4.0 Struttura u Organiżżazjoni

## 4.1 Organiżżazjoni

L-istruttura tal-organiżżazjoni bħalissa qed tagħmilha possibbli għall-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Floriana li jwettaq effetivament ix-xogħol tiegħu ta' kuljum.




Din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill iwettaq bi pratticita' l-ħidma tiegħu. L-irwol ta' dawk involuti huwa definit u miftiehem. Il-Kunsill huwa l-policy maker, li joħloq l-pjan ta' ħidma wara konsultazjzoni mas-Segretarju Eżekuttiv, li jagħti l-linji gwida fuq aspetti legali u strateġija.

Kull membru tal-Kunsill hu assenjat dekasteru li tiegħu ikun responsabbli, waqt li l-Kumitati u Sotto-kumitati, huma leħen ir-residenti fil-qasam tagħhom

Il-kuntratturi jipprovdu servizzi relatati ma' proġetti infrastrutturali, ġbir ta' skart, tindif tat-toroq, żamma tal-ġonna u soft areas, tindif tal-ġonna u tal-latrini pubbliċi, ġbir ta' skart goff u IT.

Diversi professjonisti joffru s-servizzi tagħhom ukoll u dawn jinkludu Accountant, Avukat u Perit.

L-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb li timplimenta u tesegwixxi il-Pjan ta' Ħidma u l-*policies* tal-Kunsill, immexxija mis-Segretarju Ezekuttiv, bl-assistenza ta' Assistant Principal li hi responsabbli għat-transazzjonijiet finanzjarji kollha tal-Kunsill. Hemm ukoll Uffiċjal Ezekuttiv *Administrative Support u Events Coordinator*, skrivana responsabbli minn *Customer Care u helper* mill- Community Workers' Scheme u li flimkien jieħdu ħsieb l-ilmenti u s-suġġerimenti wkoll.

L-istess amministrazzjoni hi responsabbli mis-sezzjoni tal-manutenzjoni komposta minn impjegat *full-time*, u ieħor mill-Community Workers' Scheme li jieħdu ħsieb li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita'.

## 4.2 Attivitajiet Ġenerali u Projezzjonijiet

Hi l-intenzjoni tal-Kunsill li jkompli jgħati servizz eċċellenti kemm għall-organiżazzjoni u l-kwalita' ta' servizzi kif wkoll għat-twettiq bilanċjat ta` programmi varji kemm kapitali kif ukoll soċjali, għal ġid tal-komunita` partikolarment għar-residenti.

B' hekk il-Kunsill iżomm ritmu fejn kull sena jwettaq numru ta` proġetti kapitali u infrastrutturali fil-lokalita`, bħal asfaltar, manutenzjoni ta` bankini u tad-dwal tat-toroq, kif ukoll manutenzjoni ġenerali kontinwa li jkun hemm bżonn fil-lokalita'.

Il-Kunsill joffri wkoll servizzi ta' tindif u tisbieħ ġenerali tal-lokalita waqt li jipprovdi għaż-żamma ta' postijiet pubbliċi, il-ġonna u latrini pubbliċi.

Il-Kunsill qed jippjana wkoll għat-twettiq ta' proġetti ġodda għal ġid tal-komunita' u għal-iżvilupp tal-lokalita' permezz ta' fondi mill-allokazzjoni favur il-Kunsill kif ukoll minn skemi jew fondi oħra.

Il-Kunsill jorganiżża bi ħġaru numru ta` attivitajiet soċjali u kulturali, uħud b' kollaborazzjoni m' għaqdiet lokali u oħrajn fuq livell nazzjonali, sabiex ikattar l-għarfien patrimonjali u ambjentali, l-ekonomija u l-kummerċ li jibbenefikaw minnha kemm ir-residenti kif ukoll il-komunita' kummerċjali lokali.

L-impenn tal-Kunsill għat-tlett snin li ġejjin hu li jkompli bir-ritmu li qabad għal-ġid globali tal-lokalita'.

*M' Lourdes Lautier*
Segretarju Ezekuttiv

# 5.0 Tbassir finanzjarju

## 5.1 Three Year Financial Forecast

| ACCT NO. | DESCRIPTION | FORECAST 2018 Eur | FORECAST 2019 Eur | FORECAST 2020 Eur | FORECAST 2018 - 2020 Eur |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | |
| 0000 | Government | 712,670.00 | 385,728.25 | 391,881.67 | **1,490,279.91** |
| 0020 | Bye-Laws | 42,300.00 | 42,530.00 | 42,783.00 | **127,613.00** |
| 0090 | Investment | 30.00 | 31.50 | 33.08 | **94.58** |
| 0100 | General | 4,500.00 | 4,500.00 | 4,500.00 | 13,500.00 |
| | TOTAL | **759,500.00** | **432,789.75** | **439,197.74** | **1,631,487.49** |
| **1** | **Expenditure** | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | 128,792.00 | 132,376.91 | 136,077.43 | 397,246.34 |
| 2000 | Operations and maintenance | 240,606.00 | 243,712.40 | 246,885.96 | 731,204.36 |
| 7000 | Capital Expenditure | 345,127.00 | 18,000.00 | 17,000.00 | 380,127.00 |
| | TOTAL | **714,525.00** | **394,089.31** | **399,963.39** | **1,508,577.70** |
| | **SURPLUS/DEFICIT** | **44,975.00** | **38,700.43** | **39,234.35** | **122,909.79** |
| | **BROUGHT FORWARD** | | 44,975.00 | 83,675.43 | 0.00 |
| | **CARRY FORWARD** | 44,975.00 | 83,675.43 | 122,909.79 | 122,909.79 |

## 5.2 Noti u Suppożizzjonijiet

Id-Dħul : Huwa ttamat li fis-snin li gejjin id-dħul mingħand il-Gvern jizdied marġinalment kull sena

L-Infieq : Huwa stmat żieda li f' dak li jirrigwarda "Pagi u Salarji"

: Huwa stmat li fis-snin li ġejjin jinżamm l-istess pjan t' infieq. f'dak li jirrigwarda l-Operations and Maintenance Expenditure

: Huwa stmat li l-proġetti kapitali jitkomplew fuq il-programm mibdi fis-snin preċendti flimkien ma' xi proġetti godda

## 5.3 Three Year Income Forecast

| ACCT NO. | DESCRIPTION | FORECAST 2018 Eur | FORECAST 2019 Eur | FORECAST 2020 Eur | FORECAST 2018 - 2020 Eur |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | |
| 0000 | Government | | | | |
| 0001 | Annual | 369,683.00 | 375,228.25 | 380,856.67 | 1,125,767.91 |
| 0002 | Supplementary | 7,000.00 | | | 7,000.00 |
| 0003 | Special needs | | | | 0.00 |
| 0004 | Public/government delegations | | | | 0.00 |
| 0015 | Other | 335,987.00 | 10,500.00 | 11,025.00 | 357,512.00 |
| | | **712,670.00** | **385,728.25** | **391,881.67** | **1,490,279.91** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | |
| 0021 | Community services | 35,000.00 | 35,000.00 | 35,000.00 | 105,000.00 |
| 0040 | Administration Fees | 5,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 15,000.00 |
| 0041 | EU Funds | | | | 0.00 |
| 0056 | Sponsorships | 300.00 | 330.00 | 363.00 | 993.00 |
| 0066 | General services | 2,000.00 | 2,200.00 | 2,420.00 | 6,620.00 |
| | | **42,300.00** | **42,530.00** | **42,783.00** | **127,613.00** |
| 0090 | Investment | | | | |
| 0091 | Bank interest | 30.00 | 31.50 | 33.08 | 94.58 |
| 0096 | Government securities | | | | 0.00 |
| | | **30.00** | **31.50** | **33.08** | **94.58** |
| 0100 | General | | | | |
| 0110 | Donations | 1,500.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 4,500.00 |
| 0120 | Contributions | 3,000.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 9,000.00 |
| | | **4,500.00** | **4,500.00** | **4,500.00** | **13,500.00** |
| | **TOTAL** | **759,500.00** | **432,789.75** | **439,197.74** | **1,631,487.49** |

## 5.4 Three Year Expenditure Forecast

| ACCT NO. | DESCRIPTION | FORECAST 2018 Eur | FORECAST 2019 Eur | FORECAST 2020 Eur | FORECAST 2018 - 2020 Eur |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **Expenditure** | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | |
| 1100 | Mayor's allowance | 9,064.00 | 9,517.20 | 9,993.06 | 28,574.26 |
| 1200 | Employee salaries and wages | 92,286.00 | 95,054.58 | 97,906.22 | 285,246.80 |
| 1300 | Bonuses | 7,738.00 | 7,738.00 | 7,738.00 | 23,214.00 |
| 1400 | Income supplements | 1,133.00 | 1,133.00 | 1,133.00 | 3,399.00 |
| 1500 | Social Security contributions | 8,771.00 | 9,034.13 | 9,305.15 | 27,110.28 |
| 1600 | Allowances | 4,800.00 | 4,800.00 | 4,800.00 | 14,400.00 |
| 1700 | Overtime | 5,000.00 | 5,100.00 | 5,202.00 | 15,302.00 |
| | | **128,792.00** | **132,376.91** | **136,077.43** | **397,246.34** |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | |
| 2100 | Utilities | 13,600.00 | 13,600.00 | 13,600.00 | 40,800.00 |
| 2200 | Materials and supplies | 5,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 15,000.00 |
| 2300 | Repair and upkeep | 14,300.00 | 14,300.00 | 14,300.00 | 42,900.00 |
| 2400 | Rent | 3,336.00 | 3,336.00 | 3,336.00 | 10,008.00 |
| 2500 | National / International memberships | 400.00 | 412.00 | 424.36 | 1,236.36 |
| 2600 | Office services | 4,200.00 | 4,410.00 | 4,630.50 | 13,240.50 |
| 2700 | Transport | 3,000.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 9,000.00 |
| 2800 | Travel | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 2900 | Information services | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 7,500.00 |
| 3000 | Contractual services | 137,270.00 | 140,015.40 | 142,815.71 | 420,101.11 |
| 3100 | Professional services | 13,900.00 | 14,039.00 | 14,179.39 | 42,118.39 |
| 3200 | Training | 400.00 | 400.00 | 400.00 | 1,200.00 |
| 3300 | Community and hospitality | 42,500.00 | 42,500.00 | 42,500.00 | 127,500.00 |
| 3400 | Incidental expenses | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 600.00 |
| | | **240,606.00** | **243,712.40** | **246,885.96** | **731,204.36** |
| 7000 | Capital expenditure | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | 0.00 |
| 7100 | Construction | 311,127.00 | 18,000.00 | 17,000.00 | 346,127.00 |
| 7200 | Improvements | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7300 | Equipment | 34,000.00 | | | 34,000.00 |
| 7500 | Special programmes | | | | 0.00 |
| | | **345,127.00** | **18,000.00** | **17,000.00** | **380,127.00** |
| | **TOTAL** | **714,525.00** | **394,089.31** | **399,963.39** | **1,508,577.70** |

# 6.0 Żvilupp Kapitali

### 6.1 Zvilupp Kapitali

L-Infiq kapitali qed ikun imbassar li ser ikun primarjament fuq ir-riġenerazzjoni tal-Ġnien Re George V, żieda fid-dwal tat-toroq u xi bankini ġodda.

| ACCT NO. | DESCRIPTION | FORECAST 2018 Eur | FORECAST 2019 Eur | FORECAST 2020 Eur | FORECAST 2018 - 2020 Eur |
|---|---|---|---|---|---|
| 7001 | Acquisition of property | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0 |
| 7100 | Construction & Works | 311,127.00 | 18,000.00 | 17,000.00 | 346,127.00 |
| 7200 | Improvements | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0 |
| 7300 | Equipment | 34,000.00 | 0.00 | 0.00 | 34,000 |
| 7600 | Artefacts | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0 |
| | | 345,127.00 | 18,000.00 | 17,000.00 | 380,127 |